TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 172/12

**Gordon Agius**
**vs**
**L.K. Ltd.**

Illum 12 ta' Novembru, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Lulju, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), rappreżentanti prezz ta' *generator* li xtara mingħand id-ditta ntimata u li ġralu l-ħsara.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta minkejja li kien notifikat.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *generator* mingħand is-soċjeta' intimata L.K. Ltd. u ġralu l-ħsara u ħadu għat-tiswija u li kien taħt il-garanzija, u l-intimat ma riedx isewwi u għalhekk qed jitlob il-flus lura.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jinnota li l-verżjoni tar-rikorrent hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, b'dan illi l-*generator* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888